MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 468/1997/1

**Luciano Martinelli ghan-nom u fl-interess ta' Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Pasqualino Grech u b'digriet tal-25 ta' Marzu 1997 l-Avukat Dr. Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Jean Michel Gachet**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi l-konvenuti ffirmaw u accattaw hmistax (15) il-kambjala tal-valur komplessiv ta’ (Lm1545) elf hames mija u hamsa u erbghin lira Maltin, liema kambjali jinsabu hawnhekk annessi u mmarkati Dok 1 sa Dok 15 u dan in pagament ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata;

Illi dawn il-kambjali skadew u l-konvenuti ghad li gew interpellati biex ihallsuhom baqghu inadempjenti;

Illi l-attur nomine a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta halef li l-konvenuti huma debituri lejh fis-somma ta' Lm1545 tal-15 il-kambjala minnhom accettati;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti jghidu gahliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 u 170 tal-Kodici tal-Procedura u dan in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine;

2. tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm1545 ta' 15 il-kambjala minnhom accettati u ffirmati, in pagament ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata;

3. tikkundannahom ihallsu in solidum bejniethom l-imghaxijiet kummercjali ammontanti ghal (Lm2000) mitejn lira Maltija, kif ukoll l-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez konta l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut kuratur deputat Dr. Raymond Pace et fejn gie eccepit illi l-eccipjenti ma humiex dedotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut kuratur deputat Dr. Raymond Pace et debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Pasqualino Grech fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-konfront tal-eccipjent, stante li Pasqualino Grech mhux il-legittimu kontradittur, u dan ghaliex mhuwiex debitur personalment fil-konfronti tas-socjeta' attrici imma kien qed jagixxi f'isem is-socjeta' Tirbouchon Limited meta ffirma l-kambjali in kwistjoni, kif jirrizulta mill-fatturi tas-socjeta' attrici annessi markati Dok "A";

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent fiz-zmien li fih gew iffirmati l-kambjali lanqas biss kien direttur tas-socjeta' msemmija;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kambjali huma nulli stante li ma gewx iffirmati minn Maria Dolores Grech, mart il-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Pasqualino Grech debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Pasqualino Grech fejn gie premess :

1. Illi mill-atti tal-kawza jidher illi l-konvenut accetta 15-il kambjala pagabbli lis-socjeta' attrici rikonvenuta;

2. Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bi zball li jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-kambjali, fis-sens illi huwa haseb li kien qed jiffirma l-kambjali f'isem is-socjeta' Tirebouchon Limited, u mhux f'ismu proprju;

3. Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ukoll b'ghemil doluz tali illi minghajr dan l-ghemil il-konvenut ma kienx jiffirma, fis-sens illi s-socjeta' attrici rikonvenuta taghtu l-impressjoni li hu kien qed jiffirma kambjali f'isem is-socjeta' Tirebouchon Limited, filwaqt li l-kambjali kienu gew ippreparati biex jorbtu lill-konvenut personalment;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kambjali huma nulli stante li ma gewx iffirmati minn Maria Dolores Grech, mart il-konvenut;

Ghalhekk il-konvenut talab li s-socjeta' attrici rikonvenuta tghid gahliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bi zball li jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-kambjali, kif ukoll b'ghemil doluz tali illi minghajr dan l-ghemil il-konvenut ma kienx jiffirma;

2. tirrevoka, thassar u tannulla l-kambjali fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi. Is-socjeta' attrici rikonvenuta giet ingunta ukoll ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Pasqualino Grech debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur nomine ghall-kontro talba rikonvenzjonali tal-konvenut Pasqualino Grech fejn gie eccepit :-

Illi l-kontro talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex mhux minnu li l-kunsens tal-konvenut Pasqualino Grech kien vizzjat bi zball li jaqa' fuq is-sutanza nfisha tal-kambjali u lanqas huwa minnu li s-socjeta' attrici ikkommettiet xi atti dolozi li bihom tat l-impressjoni li huwa kien qed jiffirma f'isem is-socjeta' Tirebouchon Limited, filwaqt li ppreparat kambjali biex jorbtu l-konvenut personalment;

Illi l-kambjali huma validi, stante li ma kinitx mehtiega l-firma ta' mart il-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici u l-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Jannar 2000;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici, fic-citazzjoni, tghamel referenza ghal numru ta’ kambjali, ffirmati u accettati mill-konvenuti, in konnessjoni ma bejgh ta’ varji oggetti lill-istess konvenuti. Dawn il-kambjali issa skadew pero’ baqghu mhux imhallsa. B’hekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti, in solidum bejniethom, jigu kundannati jhallsu l-import ta’ dawn il-kambjali oltre l-imghaxxijiet relattivi;

Il-konvenut Pasqualino Grech qed jeccepixxi li huwa mhux il-legittimu kontradittur stante li huwa, meta ffirma l-kambjali, kien qed jagixxi ghan-nom u f'isem is-socjeta' Tirebouchon Limited. Inoltre huwa lanqas biss kien direttur tal-imsemmija socjeta meta gew iffirmati l-istess kambjali. Fl-ahhar nett l-istess konvenut jeccepixxi li l-kambjali huma nulli stante li ma gewx iffirmati minn martu;

Il-konvenut ha l-okkazzjoni u ppresenta kontro-talba fejn allega li, meta ffirma l-kambjali in kwestjoni, l-kunsens tieghu kien vizzjat bi zball li jolqot is-sustanza tal-kambjali, stante li huwa haseb li kien qed jiffirma l-kambjali f'isem is-socjeta' imsemmija. Huwa jallega ukoll li l-kunsens tieghu kien vizjat b'ghemil doluz da parti tas-socjeta' attrici li taghtu l-impressjoni li hu kien qed jiffirma kambjali f'isem is-socjeta' filwaqt li l-kambjali kif kenu kienu jorbtuh personalment. Huwa ppremetta ukoll li l-kambjali in kwestjoni huma ukoll nulli stante li ma gewx iffirmati minn martu u ghalhekk il-konvenut talab li jigi dikjarat li, meta ffirma l-kambjali, l-kunsens tieghu kien vizzjat bi zball u b'ghemil doluz da parti tas-socjeta attrici u konsegwentement talab li l-istess kambjali jigu mhassra u annullati;

Ghall kontro-talba tal-konvenut Grech is-socjeta attrici qed teccepixxi li mhux minnu li l-kunsens tal-konvenut Grech kien vizzjat bi zball u li s-socjeta' attrici dolosament tat l-impressjoni lill-istess konvenut Grech li huwa kien qed

jiffirma f'isem xi socjeta'. Teccepixxi ukoll li l-kambjali huma validi, stante li ma kinitx mehtiega l-firma ta' mart il-konvenut;

Ghar-rigward tat-talbiet attrici jirrizulta b’mod sufficjenti li l-konvenuti flimkien iffirmaw il-hmistax (15) il-kambjali in kwestjoni ghall-import komplessiv ta’ Lm1545 u dana in konnessjoni mal-akkwist da parti taghhom ta’ varji oggetti minnghand is-socjeta attrici. Jirrizulta li l-konvenuti naqsu li jhallsu l-imsemmi import fl-iskadenza rispettiva ta’ kull kambjala;

Il-pretensjoni tal-konvenut Grech kif dedotti minnu kemm fl-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fil-kontro-talba tieghu ma jirrizultawx sufficjentement ippruvati. F’dan ir-rigward jirrizulta li z-zewg konvenuti ftehemu li jaghmlu negozju flimkien billi jifthu ristorant u ghal dan il-fini kienu ukoll iffurmaw bejnithom socjeta’ kummercjali. Huma akkwistaw xi oggetti, bhal fridges u freezers, minghand is-socjeta attrici u f’dan ir-rigward iz-zewg konvenuti, personalment, iffirmaw kambjali favur is-socjeta’ attrici. Il-konvenut Grech stess jammetti li ffirma, flimkien ma siehbu l-konvenut l-iehor, dawn il-kambjali u jammetti ukoll li huwa fl-ebda hin ma informa lis-socjeta attrici li huwa ma kienx qed jagixxi f’ismu propju izda kien qed jagixxi ghan-nom ta’ socjeta kummercjali. Fi kwalunkwe kaz kien dejjem jinkombi fuq il-konvenut Grech li huwa jinforma lis-socxjeta attrici li n-negozju kien qed jghamlu f’isem socjeta kummercjali u mhux f’ismu personalment. Lanqas ma jirrizulta li l-konvenut informa lis-socjeta attrici li huwa kien ragel mizzewweg;

Fid-dawl ta’ dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Grech ghandhom jigu rigettati. Hekk ukoll ma jistghux jigu akkolti t-talbiet tal-istess konvenut Grech kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu. In effett zgur li ma jirrizultax li l-kunsens tal-konvenut kien b’xi mod vizzjat u lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi ghemil doluz minn naha tas-socjeta attrici meta gew iffirmati l-kambjali in kwestjoni. Ma tirrizulta ebda nullita’ ghar-rigward tal-istess kambjali

in vista tal-fatt li allegatament l-istess kambjali mhux iffirmati minn mart il-konvenut;

Mill-banda l-ohra, dejjem in vista tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Grech u tichad ukoll it-talbiet kollha tal-istess konvenut Grech kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf hames mija u hamsa u erbghin liri maltin (Lm1545) import ta' hmistax (15) il-kambjala minnhom accettati u ffirmati u skaduti oltre l-imghaxxijiet kollha relattivi mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kontra l-konvenuti in solidum bejnithom, bl-eccezzjoni tal-ispejjez relattivi ghal-kontro-talba tal-konvenut Grech li ghandhom jithallsu esklusivament mill-istess konvenut Grech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------